

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

► **M1 ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

tas-16 ta' Diċembru 1991

dwar l-użu obbligatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin għat-tfal fil-vetturi

(91/671/KEE) ◀

(ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Id-Direttiva 2003/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' April 2003	L 115	63	9.5.2003
► M2	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/37/UE tas-27 ta' Frar 2014	L 59	32	28.2.2014

▼B▼M1**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tas-16 ta' Diċembru 1991****dwar l-użu obbligatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin għat-tfal fil-vetturi**

(91/671/KEE)

▼B

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-liġijiet nazzjonali dwar l-użu ta' bilfors taċ-ċintorini tas-sigurtà jvarja ħafna minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa għalhekk meħtieġ illi jiġi armonizzat dan l-użu ta' mandatorju;

Billi l-obbligu li jintużaw iċ-ċintorini tas-sigurtà jrid ikun armonizzat fil-vetturi ta' mhux inqas minn 3,5 tunnelli metriċi sabiex jiggarrantixxu lil min ikun fuq it-triq l-akbar ammont ta' sigurtà;

Billi d-Direttivi 76/115/KEE ⁽⁴⁾ u 77/541/KEE ⁽⁵⁾ jolqtu l-ħtiġiet tekniċi marbuta maċ-ċintorini tas-sigurtà li magħhom iridu jaqblu l-vetturi bil-mutur, iżda mhux l-użu taċ-ċintorini tas-sigurtà;

Billi fir-risoluzzjoni tad-19 ta' Diċembru 1984 ⁽⁶⁾, il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, iddeċidew li jiżguraw l-adozzjoni mgħaġġla tal-miżuri tas-sigurtà fit-toroq, u stiednu lill-Kummissjoni sabiex tissottometti proposti;

Billi r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar is-sigurtà fuq it-triq ⁽⁷⁾ irrakkomandaw illi l-użu taċ-ċintorini tas-sigurtà mill-passiġġieri kollha, inklużi t-tfal, fit-toroq kollha u fil-postijiet kollha fil-vetturi tal-passiġġieri (għajr fil-vetturi tas-servizz pubbliku), irid ikun obbligatorju;

⁽¹⁾ ĠU C 298, tat-23.11.1988, p. 8; u ĠU C 308, tat-8.12.1990, p. 11.

⁽²⁾ ĠU C 96, tas-17.4.1989, p. 220; u ĠU C 240, tas-16.9.1991, p. 74.

⁽³⁾ ĠU C 159, tas-26.6.1989, p. 52; u ĠU C 159, tas-17.6.1991, p. 56.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-irbit taċ-ċintorini tas-sigurtà fuq il-vetturi bil-mutur (ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 6), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/629/KEE (ĠU L 341, tas-6.12.1990, p. 14).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu maċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi ta' restrizzjoni fuq il-vetturi bil-mutur (ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 95), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/628/KEE (ĠU L 341, tas-6.12.1990, p. 1).

⁽⁶⁾ ĠU C 341, tal-21.12.1984, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 104, tas-16.4.1984, p. 38; u ĠU C 68, ta' l-24.3.1986, p. 35.

▼B

Billi trid isir dispożizzjoni għall-użu obligatorju ta' sistemi li jżommu lit-tfal fil-postijiet bilqiegħda mgħammra b'ċintorini tas-sigurtà;

Billi, sakemm jiddaħħlu l-istandards armonizzati tal-Komunità dwar sistemi ta' restrizzjoni għat-tfal, dawk l-istandards li jaqblu mal-ħtiġiet nazzjonali ta' l-Istati Membri jridu jkunu magħrufa fl-Istati Membri kollha;

Billi l-istudji wrew ukoll illi l-postijiet bilqiegħda fuq wara huma perikolużi kważi daqs dawk ta' quddiem għal dawk il-passiġġieri li ma jinrabbux u li l-passiġġieri fuq wara li ma jkollhomx ċintorin tas-sigurtà jżidu r-riskju ta' korrimenti għall-passiġġieri ta' quddiem; billi jistgħu għalhekk jissoktaw jitnaqqsu l-imwiet u l-korrimenti jekk isir obligatorju l-ilbies taċ-ċinorin tas-sigurtà mill-passiġġieri fuq wara;

Billi l-iffissar tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri msemmija f'din id-Direttiva jagħtu żmien sabiex jiġu abbozzati d-dispożizzjonijiet meħtieġa, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri fejn sa issa ma teżisti l-ebda dispożizzjoni dwar din il-materja,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

▼M1*L-Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-vetturi kollha bil-magna fil-kategoriji M1, M2, M3, N1, N2 u N3 kif iddefinit fl-Anness II mad-Direttiva 70/156/KEE ⁽¹⁾, għall-użu fuq it-triq, li jkollhom mill-inqas erba' roti u veloċità massima skond id-disinn li taqbeż il-25 km/h.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

— id-definizzjonijiet tas-sistem tas-sigurtà, inklużi ċ-ċintorini tas-sigurtà u l-mezzi għat-trażżin għat-tfal, rigward il-vetturi fil-kategoriji M1 u N1, u tal-komponenti tagħhom, għandhom ikunu dawk li jidhru fl-Anness I mad-Direttiva 77/541 ⁽²⁾,

— “iħarsu lura” għandha tffisser ħarsien lejn id-direzzjoni opposta għad-direzzjoni normali tal-vjaġġ tal-vettura.

3. Il-mezzi għat-trażzin għat-tfal għandhom jiġu klassifikati f'ħames “gruppi skond it-toqol”;

- (a) il-grupp 0 għat-tfal ta' toqol inqas minn 10 kg;
- (b) il-grupp 0 + għat-tfal ta' toqol inqas minn 13-il kg;
- (ċ) il-grupp I għat-tfal ta' toqol bejn id-9 kg u t-18-il kg;
- (d) il-grupp II għat-tfal ta' toqol minn 15-il kg sa 25 kg;
- (e) il-grupp III għat-tfal ta' toqol minn 22 kg sa 36 kg.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156 tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni skond it-tip tal-vetturi bil-magna u t-trailers tagħhom (ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/116/KE (ĠU L 18, tal-21.01.2002, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu maċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistema tat-trażżin fil-vetturi bil-magna (ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 95). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/3/KE (ĠU L 53, tal-25.02.2000, p. 1).

▼ **M1**

4. It-trażzin għat-tfal għandu jkun suddiviż f'żewġ klassijiet:
- (a) klassi integrali li jkun fiha għaqda ta' ċineg jew komponenti flessibbli b'bokkġa li ssakkar, mezz ta' l-aġġustament, it-twaħħil u f'xi każi siġġu u/jew ilqugħ ta' protezzjoni mill-impatt supplimentari, kapaċi li jiġu ankrati permezz taċ-ċinga jew iċ-ċineg integrali minnha/hom nfisha/hom;
- (b) klassi mhux integrali li jista' jkun fiha trażżin parzjali li, meta wżat f'għaqda ma' ċintorin ta' adult li jgħaddi madwar il-ġisem tat-tifel/tifla jew li jirrestrinġi l-mezz li fih ikunu tqiegħdu tat-tidel/tifla, jiffurmaw sistema sħiħa ta' trażżin tat-tidel/tifla.

L-Artikolu 2

1. Il-vetturi M1, N1, N2 u N3:
- (a) ► **M2** (i) għal vetturi M1, N1, N2 u N3, l-Istati Membri għandhom jitolbu li l-passiġġieri kollha tal-vetturi waqt l-użu għandhom jużaw is-sistemi tas-sikurezza pprovduti.

Tfal li mhumiex twal aktar minn 150 cm f'vetturi M1, N1, N2 u N3 mgħammra b'sistemi tat-trażżin, għandhom jiġu mrażżna b'sistema integrali jew mhux integrali tat-trażżin għat-tfal, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(4)(a) u (b), li tkun adattata għall-karatteristiċi fiżiċi tat-tifel/tifla skont:

- il-klassifikazzjoni stipulata fl-Artikolu 1(3), għal sistemi tat-trażżin għat-tfal approvata skont il-punt (c)(i) ta' dan il-paragrafu;
- il-firxa tad-daqsijiet u l-massa massima tal-okkupant li s-sistema tat-trażżin għat-tfal tkun maħsuba għalihom, kif indikat mill-manifattur, għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal approvati, skont il-punt (c)(ii) ta' dan il-paragrafu.

F'vetturi M1, N1, N2 u N3 li ma jkunux mgħammra b'sistemi tas-sikurezza:

- tfal taht it-tliet snin ma jistgħux jiġu ttrasportati,
- mingħajr ħsara għall-punt (ii), it-tfal ta' tliet snin jew iktar li mhumiex twal aktar minn 150 cm għandhom ipoġġu f'sit li mhuwiex is-sit ta' quddiem; ◀

- (ii) l-Istati Membri jistgħu jippermettu, fit-territorju tagħhom, tfal ta' inqas minn 150 cm u mill-inqas 135 cm tul li jiġu mrażżna minn ċintorin tas-sigurtà għall-adulti. Dawn il-limiti tat-tul għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 7b(2);
- (iii) madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu, fit-territorju tagħhom, lil dawk it-tfal riferiti fil-(i) u t-(ii) li ma jiġux imrażżna minn sistema tat-trażżin għat-tfal meta jkunu jivv-jaġġaw f'karozza tal-kiri. Madankollu, meta t-tfal imsemmija hawn fuq ikunu qegħdin jivv-jaġġaw fil-karozzi tal-kiri mgħammra b'sistemi tat-trażżin għandhom joqogħdu f'post ieħor għajr il-post ta' quddiem;

▼ **M1**

- (b) it-tfal ma jistgħux jiġu trasportati waqt l-użu ta' sistema tat-trażżin li tħares lura f'post ta' passiġġier protett minn borża ta' l-arja fuq quddiem għajr jekk il-borża ta' l-arja tkun mitfija mill-attivazzjoni, saħansitra meta l-borża ta' l-arja tiġi mitfija awtomatikament mill-attivazzjoni f'manjiera suffiċjenti;

▼ **M2**

- (c) fejn tintuża sistema tat-trażżin għat-tfal, din għandha tkun approvata skont l-istandards ta':

i) ir-Regolament tal-UNECE 44/03 jew id-Direttiva 77/541/KEE jew

ii) ir-Regolament Nru 129 tal-UNECE;

jew kwalunkwe adattament sussegwenti tiegħu.

Is-sistema tat-trażżin għat-tfal għandha tiġi installata skont l-informazzjoni tat-immuntar (eż. il-manwal tal-istruzzjoni, il-fuljett jew il-pubblikazzjoni elettronika) ipprovduta mill-manifattur tas-sistema tat-trażżin għat-tfal u li tkun tiddikjara b'liema mod u f'liema tipi ta' vetturi s-sistema tista' tintuża mingħajr periklu;

▼ **M1**

- (d) sad-9 ta' Mejju 2008 l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal skond l-istandards li jkunu japplikaw fl-Istat Membru fid-data ta' l-istallazzjoni tas-sistema tat-trażżin jew skond l-istandards nazzjonali ekwivalenti għar-Regolament 44/03 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa jew id-Direttiva 75/541/KEE.

2. Il-vetturi M2 u M3:

- (a) L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi l-okkupanti kollha ta' l-età ta' tliet snin u fuqhom fil-vetturi M2 u M3 fl-użu għandhom jużaw is-sistemi tas-sigurtà provvduti waqt li jkunu bil-qiegħda.

It-trażżin għat-tfal għandu jiġi approvat skond il-paragrafu (1)(c) u (d);

- (b) il-passiġġieri fil-vetturi M2 u M3 għandhom jiġu mgħarrfa bil-ħtieġa li jilbsu ċ-ċintorini tas-sigurtà kulmeta jkunu bil-qiegħda u l-vettura tkun miexja. Għandhom jiġu mgħarrfa b'mod jew iktar:

— mis-sewwieq,

— mill-konduttur, il-courier, jew l-uffiċjal innominat bħala l-mexxej tal-grupp,

— bil-mezzi awdjo-viżwali (p.e. video),

— bis-sinjali u/jew il-piktogramma stabbiliti mill-Istati Membri skond id-disinn tal-Komunità fl-Anness, esibiti b'mod prominenti f'kull post bil-qiegħda.

▼ **B**

L-Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għax-xufiera u l-passiġġieri ta' vetturi li jkunu qegħdin jintużaw fuq it-toroq fil-Komunità li jkunu rreġistrati f'pajjiż ieħor.

▼ **M1**

▼B*L-Artikolu 5*

Il-persuni pprovvduti mill-awtoritajiet kompetenti b'ċertifikat ta' eżenzjoni minħabba raġunijiet mediċi serji għandhom jiġu eżentati mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2. Kull ċertifikat mediku maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti f'wieħed mill-Istati Membri għandu jkun validu wkoll f'kull Stat Membru ieħor; iċ-ċertifikat mediku jrid jindika l-perjodu taż-żmien tal-validità tiegħu u jintwera lill-persuni kollha awtorizzati fuq talba skond id-dispożizzjonijiet rilevanti li jkunu fis-seħħ f'kull Stat Membru. Irid ikun fih fuqu s-simbolu li ġej:

**▼M1***L-Artikolu 6*

Għat-trasport fit-territorju tagħhom l-Istati Membri jistgħu, bil-qbil tal-Kummissjoni, jikkonċedu eżenzjonijiet oħra għajr dawk stabbiliti fl-Artikolu 5, għalbiex:

- iquis kundizzjonijiet fiżiċi speċifiċi, jew ċirkostanzi partikolari ta' tul limitu taż-żmien,
- jippermettu li jitwettqu ċerti tipi ta' qagħad fil-postijiet b'mod effettiv,
- li jiżguraw illi l-pulizija, jew is-servizzi tas-sigurtà jew ta' l-emerġenza jkunu jistgħu jwettqu x-xogħol tagħhom kif jixraq,
- meta jkunu mgħammra żewġ mezz tat-trażżin għat-tfal fuq in-naħa ta' wara tal-vetturi M1 u M2 u n-nuqqas ta' spazju jipprevjieni it-twaħħil tat-tielet wieħed, it-tielet tifel/tifla ta' l-età ta' tliet snin jew fuqhom u ta' inqas minn 150 ċm iridu jiġu mrażżna permezz taċ-ċintorin għall-adulti,
- sabiex jippermettu t-tfal ta' l-età ta' tliet snin jew fuqhom li jiġu mrażżna permezz ta' ċintorin tas-sigurtà ta' l-adulti, fil-postijiet l-oħra għajr dawk ta' quddiem tal-vetturi M1 u M2, għat-trasport ta' kultant fuq distanza qasira meta ma jkun hemm l-ebda mezz tat-trażżin jew meta ma jkunux disponibbli numru biżżejjed ta' mezz tat-trażżin għat-tfal fil-vettura,
- li jqisu l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' l-użu tal-vetturi M1 u M2 għat-trasport lokali fiż-żoni urbani u dawk mibnija, li fihom ikunu permessi l-bil-wieqfa.

L-Artikolu 6a

L-Istati Membri jistgħu, bil-qbil tal-Kummissjoni, jikkonċedu eżenzjonijiet temporanji, għajr dawk ipprovvduti fl-Artikoli 5 u 6, sabiex, bla ħsara għall-konformità mar-regoli ta' l-Istati Membri interessati, il-ħidmiet tat-trasport lokali, b'mod partikolari rigward il-karrozzi tat-tfal ta' l-iskola, jkunu jistgħu jgħorru numu ikbar ta' tfal bil-qiegħda fil-vetturi M1 u M2 milli jkun hemm postijiet bil-qiegħda imgħammra biċ-ċintorini tas-sigurtà.

▼ M1

Il-perjodu taż-żmien tal-validità ta' dawn l-eżenzjonijiet, iffissat mill-Istat Membru, ma jistax ikun iktar minn ħames snin mid-9 ta' Mejju 2003.

L-Artikolu 6b

L-Istati Membri jistgħu, għat-trasport fit-territorju tagħhom, jikkonċedu eċċezzjonijiet temporanji, għajr dawk ipprovduti fl-Artikoli 5 u 6, sabiex, bla ħsara għall-konformità mar-regoli ta' l-Istati Membri interessati, jippermettu li jgħorru numru akbar ta' persuni fil-postijiet għajr il-postijiet ta' quddiem tal-vetturi M1u N1 milli jkunu disponibbli postijiet imgħammra biċ-ċintorini tas-sigurtà jew sistemi tat-trażżin.

Il-perjodu taż-żmien tal-validità ta' dawn l-eżenzjonijiet, iffissati mill-Istati Membri ma jistax ikun ta' iktar minn sitt snin mid-9 ta' Mejju 2003.

▼ B*L-Artikolu 7*

Il-Kummissjoni għandha, sa l-1 ta' Awissu 1994, tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva bl-iskop partikolari li jiġi stabbilit jekk humiex meħtieġa miżuri iktar stretti ta' sigurtà u l-armonizzazzjoni iktar mill-qrib. Jekk approprjat, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti, li fuqhom il-Kunsill irid jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata ma' l-ewwel opportunità.

▼ M1*L-Artikolu 7a*

1. Sabiex jitqies il-progress tekniku, l-Artikoli 2 u 6 jistgħu jiġu adattati skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 7b(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tissokta twestaq l-istudji dwar is-sistemi tas-sigurtà l-aktar xierqa sabiex jipromwovu l-protezzjoni tal-passiġġieri kollha mit-tipi kollha ta' inċidenti u għandha tissottometti lill-Parlament u lill-Kummissjoni rapport dwar is-sejbiet ta' dawn l-istudji u dwar kif tiġi applikata din id-Direttiva, b'mod partikolari dwar l-eżenzjonijiet konċessi mill-Istati Membri skond l-Artikolu 6, sabiex jiġi stmat jekk ikunx tal-parir li jiġu msaħħa l-miżuri tas-sigurtà u l-ħtieġa ta' iktar armonizzazzjoni. Meta xieraq, fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tissottometti l-proposti li jeħtieġ.

L-Artikolu 7b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ⁽¹⁾, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi fissan għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

⁽¹⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.



L-Artikolu 8

1. Wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1993. Huma jridu jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.
2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn irid ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewliena fil-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ M1

ANNEX

**ID-DISINN KOMUNITARJU GĦALL-PIKTOGRAMMA ESIBITA
B'MOD PROMINENTI F'KULL POST TAL-QAGĦAD BIL-QIEGĦDA
IMGĦAMMAR B'ĊINTORIN TAS-SIGURTÀ FIL-VETTURI M2 U M3
KOPERTI BID-DIRETTIVA 91/671**

(Il-Kuluri: figura bajda fuq sfond ikħal)

